MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2006

Numru 987/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Antoinette Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Antoinette Caruana ta’ 32 sena bint Anthony Galea w Maria Concetta nee Borg mwielda Pieta fit-13[ta] Dicembru 1973 residenti St Anthony Flats, Flat 1 Triq Bir-ir-Riebu Rabat (Malta) ID: 85974(M) giet akkuzata talli f’ dawn il-Gzejjer fil-21 ta’ Jannar 2006 u fix-xhur ta’ qabel:

(a) xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’rejat bi ksur tal-artikolu 334(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok DT2 u nnutat li l-imputata m' ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata ammettiet l-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le l-imputata regghet wiegbet li hi hatja ta' l-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-verbal tas-seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija u li ir-rifurtiva giet ritornata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 334(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Antoinette Caruana, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-verbal tas-seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata, il-fedina penali netta tal-imputata u li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputata taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Antoinette Caruana l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------